**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 15 ta' Settembru 2021**

**Talba Nru: 213/20 CZ**

**Charles Lucas u Antoinette Lucas**

**vs.**

1. **NQ Systems Ltd (C 76193)**
2. **Matthew Ellul Sullivan fil-kapacita' tieghu ta' direttur ta' NQ Systems Ltd, u permezz ta' digriet tad-9 ta' Frar 2021, it-Tribunal awtorizza s-sejha fil-kawza ta' MAPFRE Middlesea plc**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-atturi prezentata fil-11 ta' Settembru 2020 li biha premettew:

1. Illi nhar il-25 ta' Settembru 2018 il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBV 468 li kienet ipparkjata quddiem id-dar tar-rikorrenti gewwa Triq il-Liedna, Fgura, hadet in-nar.
2. Illi l-istess nirien ikkawzaw danni lill-propjeta' tal-atturi, inkluz danni strutturali lid-dar taghhom 176, Triq il-Liedna, Fgura.
3. Illi parti mill-ispejjez ikkawzati lill-bieb ta' barra tad-dar u tal-antiporta (€3,200) thallsu *on account* mill-kumpanija intimata permezz ta' cheque datat 14 ta' Jannar 2020, u ghalhekk tnaqqsu mill-ammont globali ta' hsarat sofferti mill-atturi, izda minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tal-atturi ghall-hlas tad-differenza, anke tramite ittra ufficcjali numru 1069/2020 l-intimati baqghu inadempjenti minn tali hlas.
4. Illi l-perit li spezzjona s-sit ikonferma illi jista' jkun il-kaz li certu hsarat ikunu accertati malli jibdew ix-xoghlijiet u ghaldaqstant hemm lok li tali spejjez jizdiedu, kif se jkun pruvat tul il-mori tal-kawza.
5. Illi l-ammont ta' €3,472.74, dovut mill-intimati ghall-bqija tal-ispejjez relatati mal-hruq ghadhom ma thallsux lill-esponenti u dan minkejja d-diversi interpellazzjonijiet li saru lill-intimati.

Ghaldaqstant, jghidu l-intimati 'l ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Jiddikjara u jiddeciedi illi l-intimati huma responsabbli ghall-hsarat imgarrba mir-rikorrenti kawza tan-nirien tal-25 ta' Settembru 2018.
2. Jiddikjara li s-somma ta' €3,472.74 jew kwalunkwe somma verjuri hija dovuta lir-rikorrenti minghand l-intimati;
3. Jordna lill-intimati jhallsu s-somma ta' €3,472.74 jew kwalunkwe somma verjuri lir-rikorrenti;
4. Jordna lill-intimati ihallsu l-ispejjez relatati man-nirien li ghad jirrizultaw tul il-mori tal-kawza li f'dan l-istadju ghad mhux precizament maghrufa u li b'kollox ma jeccedux il-€5,000.

Bl-ispejjez tal-prezenti, inkluz tal-ittra ufficjali numru 1069/2020 kontra l-intimati li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti fit-12 t'Ottubru 2020 li biha eccepew:

1. Illi t-talbiet tal-attur huma infondanti fil-fatt u fid-dritt.
2. Illi kif se jirrizulta waqt il-mori tal-kawza, NQ Systems Ltd ma hijiex responsabbli ghal ebda hsara jew danni allegatament sofferti mill-atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Ra illi b'digriet tad-9 ta' Frar 2021, it-Tribunal awtorizza s-sejha fil-kawza tas-socjeta' Mapfre Middlesea plc.

Ra r-risposta tas-socjeta' msejjha fil-kawza prezentata fit-18 ta' Marzu 2021 li biha eccepiet:

1. Illi l-atturi jridu jippruvaw id-dolo jew il-culpa tas-sid tal-vettura kif ukoll jipprovaw id-danni realment subiti minnhom.
2. Illi r-raba' talba tal-atturi, kif dedotta, ma tistax tigi milqugha minn dan it-Tribunal li m'ghandux il-poter jiddeciedi fuq ammonti da liquidarsi.
3. Illi in vista li l-eccipjenti f'dan l-istadju mhijiex konsapevoli ta' min qabbad in-nar fuq il-vettura  bin-numru ta' registrazzjoni IBV 468, qieghda tirriserva kwalsiasi dritt ta' rivalsa li jista' jkollha skond il-ligi fil-konfront tal-assigurat taghha.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra wkoll illi l-partijiet qablu illi t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' msejjha fil-kawza tigi deciza fis-sentenza finali.

Ra l-affidavit ta' Antoinette Lucas[1], Charles Paul Lucas[2], u Michael Cutajar[3].

Sema' x-xiehda tal-Perit Christian Buhagiar[4], PS 463 Christopher Ellul[5], Stephen Cachia[6], Clyde Aquilina[7], Matthew Ellul Sullivan[8], Antoinette Lucas in kontro-ezami[9], u Charles Lucas in kontro-ezami[10].

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni mill-abbli avukati difensur tal-atturi u tas-socjeta' msejjha fil-kawza.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Ra illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra:

---

[1] Fol. 17
[2] Fol. 26
[3] Fol. 48
[4] Fol. 32
[5] Fol. 54
[6] Fol. 57
[7] Fol. 59
[8] Fol. 78
[9] Fol. 100
[10] Fol. 103

Illi fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Settembmru 2018, quddiem id-dar 176, Triq il-Liedna, Fgura, propjeta' tal-atturi, karozza inhakmet minn nirien. Din il-karozza kienet registrata fuq il-konvenut Matthew Ellul Sullivan, u mill-provi rrizulta li kienet qed tintuza minn xi haddiema li kienu jghixu wkoll fl-akkwata, sabiex isir xoghol fl-interess tas-socjeta' konvenuta NQ Systems Ltd.

Illi konsegwenza tal-incident, l-atturi sofrew diversi hsarat kemm fil-faccata tad-dar taghhom, izda b'mod partikolari fil-bieb ta' barra, li spicca ghal kollox u kellu jinbidel, kif ukoll fl-antiporta, fil-qampiena u f'xi hgieg tal-gallarija. L-atturi gabu stimi ghat-tiswija ta' dawn il-hsarat permezz tal-perit taghhom u l-mastrudaxxa.

Illi permezz ta' ittra datata 21 ta' Jannar 2020, Matthew Sullivan, (fil-kawza il-konvenut Matthew Ellul Sullivan) baghat *di suo arbitrio* cheque ta' tlett'elef u mitejn Euro (€3,200) lill-atturi sabiex ikopru l-hsarat li sofrew. Fl-istess ittra pero' kwalifika din l-ghotja fis-sens li qal illi NQ Systems m'ghandhiex responsabbilta' ghat-telf li garrbu l-atturi, u li dan il-gest kien qed jaghmlu semplicement biex juri li xtaq jghin lill-atturi.

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni taghhom, il-konvenuti fil-fatt eccepew li m'ghandhomx responsabbilta' ghall-akkadut.

Illi l-qofol tal-kwistjoni ghalhekk gie wiehed: filwaqt li ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li l-kawza diretta u fizika tal-hsara li garrbu l-atturi kienet il-hruq tal-karozza, kemm il-konvenuti u kif ukoll is-socjeta' msejjha fil-kawza qed jindikaw illi jrid jigi ppruvat illi kien hemm l-intenzjoni min-naha tal-konvenuti jew min minnhom, sabiex issir il-hsara fuq il-propjeta' tal-atturi. Jargumentaw li din il-prova iridu jressquha l-atturi, u fit-trattazzjoni, is-socjeta' msejjha fil-kawza ssottomettiet illi ladarba din il-prova ma saritx, m'ghandhomx jigu penalizzati l-konvenuti jew is-socjeta' msejjha fil-kawza.

Illi fi kliem iehor ghalhekk il-konvenuti u s-socjeta' imsejjha fil-kawza qeghdin jipprovdu ghax-xenarju fejn dak li sehh kien kawza ta' att fortuwitu u mhux intenzjonat.

Illi propju fuq il-forza magguri, fis-sentenza *Elmo Insurance Services Et Vs Micallef Joseph Pc 537 Et*[11], intqal hekk:

> L-eccezzjoni tal-forza magguri ovvjament tisposta l-oneru tal-prova kompletament fuq min jallegaha. Hija eccezzjoni li, jekk provata fit-termini tal-ligi, kienet tezonera lil min jallegaha minn kull responsabilita'.
>
> Din id-difiza tista` tirnexxi biss kemm-il darba fil-kawza ta' l-akkadut ikun gie eskluz bl-aktar mod kategoriku l-intervent uman. Konsegwetement jekk precedentement ghall-incident ikun hemm xi nuqqas tas-sewwieq, jew ta' terza persuna responsabbli ghall-vettura minn dan misjuqa, din id-difiza ma jkollha l-ebda sahha.
>
> Il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara ikun ikkontribwixxa l-fatt pozittiv jew negattiv tal-bniedem. Skond il-principju tad-dritt biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura imma jehtieg li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-bonus pater familias.
>
> Ghalhekk min jallega l-kaz fortuwitu jrid jipprova li (a) il-fatt li sehh il-kaz fortuwitu, u (b) illi dak il-kaz fortuwitu ma kienx gie precedut minn xi att delittwuz jew kwazi delittwuz tieghu[12].

Illi maghdud ma' dan, wiehed bilfors irid jirreferi ghal Artikolu 1029 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, illi jipprovdi x'isehh meta jkun hemm forza magguri:

> Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.

Illi f'dan il-kaz, izda, ghalkemm is-socjeta` msejjha fil-kawza taghmel referenza ghall-kaz fortuwitu, it-Tribunal jirrileva illi kellha tkun hi, la qanqlet din id-difiza,

[11] Qorti tal-Appell Superjuri – 5 t'Ottubru 2001

[12] Sottolinear tat-Tribunal

(jew il-konvenuti) illi tipprova illi dan kien kaz fortuwitu u mhux att doluz ta' xi hadd. Is-socjeta' msejjha fil-kawza pruvat tispostja l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward fuq l-atturi, billi ssottomettiet illi kellhom ikunu huma li jippruvaw illi dan ma kienx kaz fortuwitu. It-Tribunal jirrileva pero' illi l-oneru ghandu jkun bil-kontra; ghandu jipprova l-kaz fortuwitu dak li jinvokah fid-difiza tieghu, u ghalhekk f'dan il-kaz il-konvenuti/is-socjeta' msejjha fil-kawza.

Illi l-atturi gabu prova sodisfacenti tal-hsarat li garrbu u tal-ammonti li hemm bzonn sabiex isewwu, u dan permezz ta' varji stimi u permezz tar-rapport tal-Perit. Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti gie rilevat li t-Tribunal m'ghandux jiddeciedi li jsir il-hlas abbazi ta' stima, it-Tribunal min-naha l-ohra jirrizultalu illi l-istima u r-rapport tal-perit ex parte tal-atturi ma gewx b'mod iehor kontradetti, wisq inqas bi prova teknika, u fic-cirkostanzi jirrizultalu illi l-istima ghall-ispejjez hemm indikata hija veritiera. Il-quantum tad-danni mitlub, ghalhekk huwa pruvat.

Illi finalment jinghad ukoll illi s-socjeta' msejjha fil-kawza, permezz tat-tieni eccezzjoni taghha, issottomettiet illi r-raba' talba tal-atturi, kif dedotta, ma tistax tigi milqugha minn dan it-Tribunal li m'ghandux il-poter jiddeciedi fuq ammonti da liquidarsi. Illi t-talba kienet illi l-konvenuti jhallsu l-ispejjez relatati man-nirien li ghad jirrizultaw tul il-mori tal-kawza li f'dak l-istadju ghad mhux precizament maghrufa u li b'kollox ma jeccedux il-€5,000.

Illi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija definita f'Artikolu 3 (2) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi:

> Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000):

Illi għat-Tribunal ir-raba' talba hija talba ta' flus, anke jekk dawn possibilment kien għad kellhom jiġu likwidati f'dak il-punt. M'hemm xejn fil-liġi li jindika li talba ta' flus trid tkun talba għal ammont ta' flus speċifiku li jissemma fil-bidu tal-kawża u ma jkunx jista' jiġi likwidat eventwalment. Sakemm it-talba tibqa' waħda biss ta' flus, u mhux sabiex it-Tribunal jordna li jitwettaq jew ma jitwettaqx xi ħaġa jew oħra, anke r-raba' talba tibqa' fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Minkejja dan, l-atturi fis-seduta tas-17 ta' Ġunju 2021 iddikjaraw illi l-ammont reklamat minnhom f'din il-kawża huwa biss u limitatament dak ta' €3472.74, u għalhekk anke fil-mertu, m'hemm xejn iktar x'jiġi likwidat; dan għaliex is-somma mitluba mill-atturi fl-avviż hija dik indikata mill-perit tagħhom ex parte, bħala s-somma li hemm bżonn tintefaq sabiex isir ix-xogħol rimedjali.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tas-soċjeta' msejħa fil-kawża, jilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba tal-atturi, filwaqt li jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba għar-raġunijiet fuq indikati, u jordna għalhekk lill-konvenuti u lis-soċjeta' msejħa fil-kawża sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ta' tlett'elef, erba' mija u tnejn u sebgħin Euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€3,472.74), bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna sal-ħlas effettiv. L-ispejjeż u drittijiet kif mitluba għandhom jitħallsu mill-konvenuti u s-soċjeta' msejħa fil-kawża.

**Dr. Claudio Zammit**

**Ġudikatur**

Susanna Fenech

Deputat Reġistratur